MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 1039/2000/1

**Direttur taż-Żgħażagħ u *Sport*; u b'dikriet tad-9 ta' Jannar 2004 is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru taż-Żgħażagħ u Kultura assuma l-atti flok id-Direttur taż-Żgħażagħ u *Sport***

***Versus***

**Tony Cilia Pisani u Mario Saliba**

F'din il-kawża l-attur qiegħed jitlob illi l-konvenuti jagħtu kont ta' flejjes pubbliċi fdati f'idejhom.
Iċ-ċitazzjoni tgħid illi f'April ta' l-1997 il-konvenut Tony Cilia Pisani nħatar bħala *chairman* u l-konvenut Mario Saliba nħatar bħala segretarju tal-kumitat ta' tmexxija ta' *The Matthew Micallef St John Athletic Stadium*. Fl-24 t'Ottubru 1997 kienet ingħatat lill-kumitat is-somma ta' mija u għaxart elef lira (Lm110,000) biex ikun jista' jaqdi d-dmirijiet tiegħu. Il-konvenuti, fil-ħatriet rispettivi tagħhom, kienu responsabbli min-nefqa u t-tħaddim tal-flejjes tal-

kumitat, u kienu wkoll il-firmatarji biex setgħu jinħarġu *cheques* fuq il-kontijiet tal-kumitat.
Mis-somma mgħoddija lill-kumitat, intefqu, bejn Ottubru ta' l-1997 u Mejju ta' l-1998, wieħed u tletin elf, mitejn u tnejn u disgħin lira (Lm31,292). Il-konvenuti, għalkemm imsejħa kemm-il darba, baqgħu ma tawx kont ta' kif intefqu dawk il-flus. L-attur għalhekk fetaħ din il-kawża u qiegħed jitlob illi l-qorti:

1. tgħid illi, bħala mandatarji, il-konvenuti għandhom jagħtu kont ta' l-amministrazzjoni skond l-art. 1875 tal-Kodiċi Ċivili;
2. tordnalhom jagħtu dan il-kont lill-attur billi jippreżentaw dokumenti li juru d-dħul u l-infiq ta' flejjes, fuq xiex intefqu l-flejjes, u juru l-bilanċ li fadal; u
3. jekk jonqsu, tikkundannahom, jew tikkundanna lil xi wieħed minnhom, iħallsu jew iħallas wieħed u tletin elf, mitejn u tnejn u disgħin lira (Lm31,292).

Talab ukoll l-ispejjeż, fosthom dawk ta' l-ittra uffiċjali ta' l-4 ta' Frar 2000, u l-imgħax sa dakinhar meta jsir il-ħlas.
Il-konvenuti ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

1. l-attur għandu jġib il-prova tal-mandat li jgħid illi ta lill-eċċipjenti *proprio*;
2. fit-tmiem il-ħatra tagħhom bħala *chairman* u segretarju tal-kumitat ta' tmexxija ta' *The Matthew Micallef St John Athletic Stadium*, il-konvenuti taw kont dettaljat u sħiħ dwar kif kienu amministrati l-flus fdati mill-gvern lill-kumitat, u ikkonsenjaw id-dokumenti kollha u l-*files* u r-reġistri relativi direttament lis-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ u *Sport* kif kienu mitluba jagħmlu, u dan għamluh għas-sodisfazzjoni ta' l-awtoritajiet;
3. ladarba l-eċċipjenti taw rendikont fiż-żmien li kellu jingħata, u dak ir-rendikont kien approvat mill-awtoritajiet, l-eċċipjenti ma jistgħux jiġu kapriċċożament mitluba jagħtu rendikont mill-ġdid;
4. in-nuqqas ta' l-attur li jżomm id-dokumenti kollha ikkonsenjati lill-awtoritajiet mill-eċċipjenti ma jistax jopera kontra l-eċċipjenti;
5. ebda deċiżjoni dwar infiq kapitali u/jew kurrenti għall-bżonnijiet ta' *The Matthew Micallef St John Athletic Stadium* ma ttieħdet mingħajr konsultazzjoni mas-Segretarjat Parlamentari għaż-Żgħażagħ u *Sport* u l-approvazzjoni ta' l-istess segretarjat;

6. it-tielet talba ma tistax tintlaqa' għax, ladarba l-konvenuti ma humiex debituri ta' l-attur, ma jistgħux jiġu kundannati jħallsu l-ammont mitlub mingħajr ma qabel tingħata dikjarazzjoni li huma debituri ta' l-attur;
7. l-eċċipjenti qatt ma mxew personalment u qatt ma rċevew il-flus personalment, iżda dejjem bħala *chairman* u segretarju tal-kumitat ta' tmexxija, u għalhekk, jekk għandu jingħata rendikont, dan għandu jingħata mill-kumitat u mhux mill-eċċipjenti personalment, li ma għandhom ebda dokument f'idejhom.

Il-fatti li wasslu għal din il-kawża ġraw hekk:

B'ittra mis-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ, *Sport*, Kultura u Arti[1], il-konvenuti kienu nħatru *chairman* u segretarju tal-kumitat ta' tmexxija ta' *The Matthew Micallef St John Athletic Stadium* għal sena b'seħħ mis-26 ta' Marzu 1997. Magħhom fil-kumitat kien hemm ħames membri oħra. Id-dokument ta' twaqqif tal-kumitat, li jfisser is-setgħat u d-dmirijiet tiegħu[2], igħid illi l-kumitat kellu jmexxi l-i*stadium*, jirrapporta lis-Segretarju Parlamentari, iħejji kalendarju ta' attivitajiet, u jagħti pariri lis-Segretarju Parlamentari dwar proġetti għat-titjib tal-faċilitajiet ta' l-i*stadium*. L-istess dokument iżda jkompli jgħid illi:

6. The day to day running of the Stadium is the responsibility of the Sport Section, Pġarliamentaryħ Secretariat for Yġouthħ, Cġultureħ, Sġportħ and Aġrtsħ on the advice of the administrative committee.

7. The repair and upkeep of the stadium is also the responsibility of the Sport Section.

Il-kumitat iltaqa' erba' darbiet bejn il-15 ta' Mejju 1997 u l-4 ta' Settembru 1997[3], iżda wara ma ltaqax iżjed. Tul dak iż-żmien il-kumitat ma kellux flus. Fl-24 ta' Ottubru 1997 is-Segretarju Parlamentari approva l-ħlas ta' mija u għaxart elef lira (Lm110,000) lill-kumitat[4] u dakinhar stess inħarġu żewġ *cheques* — wieħed għal sittin elf lira (Lm60,000) u l-ieħor għal ħamsin elf lira (Lm50,000) —

1 *Foll.* 161 *et seq.*

2 *Foll.* 97 *et seq.*

3 *Foll.* 99 *et seqq.*

4 *Fol.* 137.

pagabbli lill-kumitat, u l-flus tqiegħdu f'kont bankarju tal-kumitat[5].

Ġara illi ftit ta' żmien wara f'żewġ okkażjonijiet kien hemm għargħar li għamel ħsara fl-i*stadium*. Saru xogħlijiet ta' tiswija u l-konvenuti ħallsu għal dawn ix-xogħlijiet mill-flus mogħtija lill-kumitat. Dawn il-ħlasijiet saru bejn Novembru 1997 u Frar 1998[6]. Qabel ma iffirmaw iċ-*cheques* jew ġibdu l-flus biex għamlu dawn il-ħlasijiet, il-konvenuti la laqqgħu lill-kumitat u lanqas b'xi mod għarrfu lill-membri l-oħra. Fil-fatt, il-membri l-oħra tal-kumitat lanqas biss kienu jafu illi l-kumitat kien ingħata xi flus[7].

F'dak iż-żmien ukoll il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, illi taħtu kien jaqa' s-segretarjat parlamentari, kien qiegħed jirrevedi l-*policy* dwar infiq ta' flus mogħtija mill-gvern lil organizzazzjonijiet bħall-kumitat ta' tmexxija. Għal dan il-għan il-konvenuti kienu mitluba jagħtu lill-ministeru, permezz tas-segretarjat, il-kontijiet u d-dokumenti kollha relativi.

Il-konvenuti jgħidu illi d-dokumenti ħaduhom fis-segretarjat. Fil-fatt xehdet Rose Moran, segretarja privata tas-Segretarju Parlamentari, u qalet illi dawn id-dokumenti, wara li rahom is-Segretarju Parlamantari, hi stess tathom lill-messaġġier biex jeħodhom il-ministeru[8]. Xehed ukoll in-Nutar Joseph Cilia, li dak iż-żmien kien Segretarju Parlamentari, u qal illi d-dokumenti tal-konvenuti rahom qabel ma bagħathom il-ministeru u illi, għalkemm ma jiftakarx x'kienu, jiftakar li kienu *bulky*[9].

Meta d-dokumenti waslu l-ministeru ngħataw lil Spiridione Pace, funzjonarju fil-ministeru, biex jeżaminahom, iżda dan xehed illi kull ma ngħata kien pitazz b'lista ta' nefqiet iżda bla dokumenti ġustifikattivi. Għalhekk, fin-nuqqas ta' dawn id-dokumenti, ma seta' jasal għal ebda konklużjoni[10]. Talab li jingħatawlu aktar dokumenti iżda l-

---

5 *Fol.* 115.

6 *Foll.* 115 *et seqq.*

7 Ara x-xhieda ta' Charles Pullicino *fol.* 235, u ta' Tony Chircop, *fol.* 245, fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2004,

8 Ara x-xhieda ta' Rose Moran fis-seduta tal-11 t'April 2002, *fol.* 90.

9 Ara x-xhieda tan-Nutar Joseph Cilia fis-seduta tal-11 t'April 2002, *fol.* 87.

10 Ara x-xhieda ta' Spiridione Pace fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2004, *foll.* 228 *et seq.*

konvenuti wieġbu li ma kellhomx aktar dokumenti f'idejhom.

Fil-fatt, meta xehed il-konvenut Tony Cilia Pisani qal illi l-konvenuti ma kellhomx id-dokumenti f'idejhom jew għax tawhom kollha lis-segretarjat jew għax inqerdu fl-għargħar[11]. Il-konsegwenza kienet illi, sallum, għadu ma hux magħruf fiex intefqu l-flus. Inħatru wkoll awdituri interni biex jeżaminaw l-amministrazzjoni tal-konvenuti u dawn ukoll ma setgħux jaslu għal konklużjoni għax ma kellhomx informazzjoni biżżejjed[12]. Billi baqa' ma ngħata ebda rendikont, l-attur fetaħ din il-kawża biex jitlob illi l-konvenuti jfissru fiex nefqu l-flus.

Il-qorti tgħaddi issa biex tagħmel dawn il-konsiderazzjonijiet:

Ma hux kontestat illi l-konvenuti kellhom f'idejhom flus ta' l-attur u għalhekk, bħal kull min jamministra flus ħaddieħor, għandhom jagħtu kont ta' x'għamlu b'dawk il-flus. Il-prova mitluba fl-ewwel eċċezzjoni għalhekk saret.

Il-konvenuti jgħidu, fit-tielet eċċezzjoni tagħhom, illi "taw rendikont fiż-żmien li kellu jingħata, u tali rendikont ġie approvat mill-awtoritajiet responsabbli".

Li r-rendikont kien approvat mill-awtoritajiet żgur li ma hux il-każ. Fil-fatt, la Spiridione Pace, li kellu jeżamina l-kontijiet, u lanqas l-awdituri interni ma setgħu jaslu għal konklużjoni, fin-nuqqas ta' dokumenti li jiġġustifikaw in-nefqiet.

Lanqas ma hija sodisfatta l-qorti illi tassew illi l-konvenuti għaddew id-dokumenti kollha lis-segretarjat. Fil-fatt tkun ħaġa stramba illi, jekk tassew ingħataw id-dokumenti kollha, għand Spiridione Pace wasal biss pitazz; jekk intilef il-*file*, kien jintilef b'kollox, u mhux kollox ħlief il-pitazz. X'aktarx illi, minkejja l-impressjoni ta' Dr Cilia illi l-*file* kien *bulky*, kull ma ikkonsenjaw il-konvenuti kien biss il-pitazz għax id-dokumenti l-oħra nqerdu fl-għargħar. Inkella, ma hemm ebda spjegazzjoni loġika għala s-segretarjat ma għaddiex lill-ministeru d-dokumenti kollha li tawh il-konvenuti.

---

[11] Ara x-xhieda tal-konvenut Tony Cilia Pisani fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2004, *foll.* 287 *et seqq.*

[12] *Foll*. 28 *et seqq.*

Fil-fehma tal-qorti, il-konvenuti mxew ħażin meta nefqu flus fdati f'idejhom f'isem il-kumitat bla ma jlaqqgħu l-kumitat biex igħarrfu lill-membri l-oħra u jiksbu l-approvazzjoni tal-kumitat. La mxew b'dan il-mod żgur li ma jistgħux, kif ifittxu li jagħmlu fis-seba' eċċezzjoni tagħhom, ifarfru r-responsabbiltà għal fuq il-kumitat.

Barra minn hekk, għamlu wkoll ħażin li nefqu flus f'isem il-kumitat biex ħallsu għat-tiswijiet meta l-kumitat ma kellux is-setgħa li jonfoq flus għal tiswijiet. Rajna illi, skond is-seba' paragrafu tat-*terms of reference* tal-kumitat, it-tiswijiet kienu responsabbiltà ta' l-i*sport section* tas-segretarjat u mhux tal-kumitat.

Għalhekk, aktar u aktar għandhom id-dmir il-konvenuti li jagħtu rendikont skrupluż ta' x'għamlu bil-flus, ladarba qatgħuha li jonfqu flus il-kumitat bla ma jgħarrfu lill-kumitat u li jonfquhom fi spejjeż li ma kinux responsabbiltà tal-kumitat.

Huwa minnu illi t-telf tad-dokumenti fl-għargħar kien *casus*. Dan iżda ma jeħlisx lill-konvenuti mid-dmir li jagħtu kont ta' x'għamlu bi flus ħaddieħor, aktar u aktar meta, kif rajna, nefqu flus li ma kellhomx is-setgħa li jonfqu. Li kien imisshom għamlu kien illi, minnufih wara li nqerdu d-dokumenti, meta allura l-memorja kienet aktar friska milli hija llum, iduru lill-kuntratturi li kienu ħallsu biex jitolbuhom kopji tar-riċevuti. Minn dan ma għamlu xejn, bil-konsegwenza illi llum il-konvenuti lanqas biss jiftakru min kienu l-kuntratturi li ħallsu. Madankollu, huwa eżerċizzju li għadu jista' jsir u li għandu jsir.

Il-qorti għalhekk hija tal-fehma illi l-konvenuti għadhom bid-dmir illi jagħtu kont ta' l-amministrazzjoni, u ma humiex meħlusa minn dan id-dmir bil-fatt illi d-dokumenti nqerdu.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti għalissa tipprovdi billi tilqa' l-ewwel żewġ talbiet ta' l-attur: tgħid illi l-konvenuti għandhom jagħtu kont tal-flus kollha li daħħlu u li nefqu, u għalhekk tikkundannahom illi, sa żmien tliet xhur millum, jippreżentaw kont, bid-dokumenti kollha li jiġġustifikawh, u bil-mod li jridu l-artt. 389 u 390 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Il-kawża hija differita għal nhar il-Ġimgħa 21 ta' Jannar 2005 għall-eżami tad-dokumenti li jridu jippreżentaw il-konvenuti u sabiex jitkompla s-smigħ dwar it-tielet talba ta'

l-attur. Dwar l-ispejjeż ikun hemm deċiżjoni fis-sentenza finali.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------